# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

Citazzjoni numru 51/1996MM

Mikiel Attard

-vs-

Ganni Attard

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Marzu 1996 fejn wara li ppremetta illi huwa proprjetarju ta' porzjon raba' mlaqqam tat-Twil fil-limiti tax-Xaghra.

Illi din il-porzjon raba' tinsab taht ir-rih ta' porzjon iehor tar-raba proprjeta' tal-konvenut.

Illi l-attur qed isofri danni fil-proprjeta' tieghu kagun ta' ilma u materjal hazin li kontinwament jiskula mill-proprjeta' tal-konvenut.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni fil-proprjeta' ta' l-attur kagunati mill-istess konvenut;

2. Tordna lill-konvenut iwaqqaf l-iskulazzjoni t'ilma u materjal hazin mill-proprjeta' tieghu ghal ta' go l-attur.

3. Tillikwida d-danni sofferti fil-proprjeta' ta' l-attur kagunati mill-imsemmija iskulazzjoni permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 30 ta' Jannar 1996 u ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar 1996.

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konenut Ganni Attard fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni innifisha illi l-art ta' l-attur hija taht ir-rih ta' l-art ta' l-esponenti, u ghalhekk hija soggetta ghas-servitu ta' skular ta' ilma u materjal iehor illi jaqghu naturlament u minghajr l-intervent tal-bniedem ai termini ta' l-artikolu 403 tal-Kodici Civili.

2. Illi ghaldaqstant ma hux lecitu ghall-attur la li jostakola l-kors tan-natura huwa innifsu u wisq u wisq aktar illi jgieghel lill-esponenti illi jaqta' dan l-iskular.

3. Illi jsegwi mis-suespost illi ladarba l-esponenti jkun qieghed jezercita d-drittijiet moghtija lilu mil-ligi huwa ma jistax jigi tenut responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront ta' l-attur, u dan a bazi tal-principju illi "qui sui jure utetur neminem ledere videtur".

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 1996 fejn il-Qorti innominat lill-AIC Guido Vella bhala espert tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tieghu pprezentat fis-7 ta' Ottubru 1998 u mahluf fil-11 ta' Frar 1999.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza inkluzi n-noti ta' l-osservazzjonijiet u r-risposta tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li l-attur ghandu razzett ghat-trobbija ta' l-annimali f'tarf is-sies ix-Xaghra, u taht dan is-sies hemm ghalqa proprjeta' tal-konvenut. Il-konvenut qed jilmenta illi hmieg minn dan ir-razzett qed jiskula u jigi fl-ghalqa tieghu u b'hekk qed jigu kkawzati danni.

Il-perit tekniku ikkonstata illi dawn il-fondi qeghdin fuq xulxin u huwa minnu illi qed jiskula ilma u hmieg mir-razzett ta' l-attur ghal fuq l-art tal-konvenut.

Irrizulta wkoll illi ma hemm xejn naturali minn dan l-iskular peress illi huwa ovvju illi dana gej mir-razzett ta' l-attur u qed jigi dirett minn katusa ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenut. Dan il-materjal jinzel ghal gor-raba 'l isfel minn go gandott imqatta' f'wicc il-blat gholi u jispicca taht munzell qasab niexef.

Minkejja illi l-partijiet ma pprezentaw ebda pjanta jew kuntratt biex juri liema bicciet raba kienet taghhom u liema kienet in komuni, huwa fatt illi r-razzett qed jigi okkupat mill-konvenut, waqt illi l-ghalqa ta' tahtha qed tigi okkupata mill-attur.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-konkluzzjonijiet peritali a fol tnejn u erbghin (42) et sequitur tal-process, fejn hemm deskrizzjoni cara ta' l-ilma u materjal li johrog mir-razzett u kif dana jaffettwa r-raba ta' l-attur. A skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel pjena referenza ghal din ir-relazzjoni.

F'kawza deciza mill-Prim'Awla, fil-31 ta' Jannar 1997, fl-ismijiet "Anthony Sultana vs Carmel Zammit" dik il-Qorti qalet illi ghandha necessarjament tistrieh fuq l-opinjoni l-aktar prevalenti ta' l-esperti teknici sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi li jindikaw xorta ohra.

L-istess intqal f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Carmel Sciortiono –vs- Helen u Joseph Camilleri" fil-31 ta' Lulju 1996, fejn il-Qorti qalet illi ma kellhiex tinjora rapport ta' espert tekniku jekk mhux ghal ragunijiet validi u konvincenti bhall-provi godda jew konkluzzjonijiet differenti minn periti ohra.

Minhabba in-natura teknika ta' din il-kawza, il-Qorti issib illi ghandha toqghod fuq il-konkluzzjonijiet maghmula mill-perit

tekniku. Dana ikkonkluda illi huwa minnu illi qed isir skular ta' ilma u materjal mill-proprjeta' tal-konvenut ghal fuq il-proprjeta' ta' l-attur. Ikkonkluda, pero' ghal dawk illi huma danni, li r-raba ta' l-attur kien fi stat illi jnhadem sewwa u ghalhekk ma jidhirx illi sofra danni minhabba l-iskular tal-konvenut.

Ma rrizultax mill-atti tal-process illi l-attur gab xi provi dwar xi danni li seta' allegatament sofra minhabba dan l-iskular. Hu x'inhu pero', dan l-iskular qieghed hemmhekk u jrid jitwaqqaf u minn dan il-ghan biss l-attur ghandu ragun u l-istanza tieghu timmerita li tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel u t-tielet talbiet ta' l-attur peress illi ma rrizultax illi gew kawzati xi danni fl-ghalqa ta' l-attur, izda tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut iwaqqaf l-iskular ta' l-ilma u materjal hazin mill-proprjeta' tieghu ghal go dak ta' l-attur.

Bl-ispejjez illi ghandhom jitqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur